MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 1422/1999/1

**Dennis Griscti**

**vs**

**Herbert u Monica konjugi Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu u l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350) dovuti mill-konvenuti ghal xoghol ta' tqeghid ta' madum u plumbing li sar fuq ordni tal-konvenuti.

Bl-ispejjes inkluzi tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru 1999 u bl-imghaxijiet.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta u li biha eccepixxa (fol 7 tal-atti):-

a. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjes kontra l-istess attur.

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti sofra hsara u danni minhabba l-kwalita' tax-xoghol li kien ghamel l-attur li ma kienx skond is-sengha u l-arti , liema haga jaf ben tajjeb u li ser tigi ppruvata waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent kellu jqabbad terza persuna biex jirranga x-xoghol hazin li kien ghamel u dan bhalma jaf ben tajjeb l-istess attur noe.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenuti ma gabu l-ebda prova a konjizzjoni tal-istess Qorti sabiex jigu sostanzjati l-eccezzjonijiet sollevati minnhom.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, da parti tieghu, (fol 10 u 11 tal-istess atti) xehed dwar, u spjega, l-inkarigu li inghata lilu mill-konvenuti li kien jikkonsisti f'xoghol ta' plumbing u tqeghid ta' madum f'kamra tal-banju. Dwar il-<u>prezz</u> tal-istess xoghol, il-partijiet involuti kienu ftehmu "fuq somma globali …. xi haga over Lm300 cjoe dik is-somma indikata fl-avviz". L-attur kompla jghid li hu kien lesta l-istess xoghol minghajr ma kien hemm xi lment da parti tal-konvenuti. Hu ppreciza li l-konvenut kien qallu "…. Li ma riedx ihallasni …. ma qalli bl-ebda raguni ghal dan".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, a basi tal-premess, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dan il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta’ Lm350.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-15 ta’ Dicembru 1999, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Dicembru 1999.

--------------------------------TMIEM--------------------------------